**L-Ewwel laqgha tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar it-Tlieta 17 t' April 2012 fis-7:00 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Maria Natoli, Kunsillier
Josianne Cutajar, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Joe Zerafa
Raymond Vella
Ivan Attard
Ines Buttigieg
Peter Buttigieg
Paul Said
Antonia Portelli
Andrew Muscat
Sammy Buttigieg
Anton Said
John Paul Azzopardi
James Buttigieg
Dun Salv Pace
Frans Vella
Marvin Camilleri
Joseph Camilleri

Miriam Portelli ma setgħatx tattendi minħabba l-play fil-MUSEUM tas-Subien
Peter Mifsud u Maria Galea ma setgħux jattendu minhabba l-istat tat-triq fic-Cirkewwa.

---

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mis-Sindku.

**2.** **Introduzzjoni.** Is-Sindku rringrazzja lil dawk preżenti talli aċċettaw l-istedina tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan is-sotto Kumitat huwa kompost minn ħafna persuni għaliex jemmen li hemm ħafna residenti li jistgħu jagħtu kontribut fl-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Dan il-Kumitat ser ikun responsabli mill-organizzazjoni tal-attivitajiet Kulturali li jorganizza l-Kunsill matul is-sena, bir rapprezentanti tal-Knisja, Nar u Banda jiġu mistiedna meta tkun ser isir diskussjoni relatata jew li tinvolvi l-entita tagħhom.

**3.** **Programm ta' l-Imnarja.**

*18 ta' Gunju 2012 – Ħruġ ta' l-Istatwa minn niċċa.* Wara jkun hemm tombla b'risq il-festa organizzata mill-parroċċa. Anton Said issuġġerixxa li jkun hemm esebizzjoni ta' statwetti antiki ta' San Pietru u San Pawl li tiġi nawgurata f'dan il-jum. Hu ssuġġerixxa li din il-wirja ssir fis-Sala Joe Tabone fil-bini tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' sigurta u peress li s-sala tal-Kunsill hija aktar preżentabli. Din il-wirja għandha tibqa miftuha sa l-Imnarja. Membri mis-Sotto Kumitat kienu tal-fehma li jista jkun hemm persuni delettanti li ma jagħtux l-

statwa tagħhom għal din il-wirja għaliex huwa ż-żmien meta dawn l-istatwi jinħarġu għal wiri f'djarhom. Is-Sotto Kumitat qabel fil-prinċipju li din il-wirja ssir. Anton Said talab li jkun assistat minn Josef Camilleri u li jsir diskors minn Dun Charles Vella fl-inawgurrazzjoni tal-istess wirja.

*19 ta Gunju 2012. Jum it-Tfal.* F'din il-ġurnata jkun hemm in-novena tat-tfal fil-knisja. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-attivita tat-tfal ssir fl-istess ġurnata ma taż-żgħażagħ.

*20 ta' Gunju 2012.* Peress li f'din il-ġurnata m'hemm l-ebda attivita' s-Sindku qed jipprova jġib il-Banda ta' AFM biex jagħmlu marċ mat-toroq tan-Nadur u display fil-pjazza. Din il-banda qatt ma ġiet fin-Nadur. Qed issir diskussjoni magħhom sabiex jara jistgħux jiġu.

*21 ta' Gunju 2012. L-Ikla Tradizzjonali.* Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jikkollabora mal-Knisja f'din l-attivita. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-entertainment kollha. Gie ssuġġeriet li jiġu mistiedna: L-Imnarja Folk Group, l-Astra Folk Group, Għanneja, il-Gozo Boy, Ir-rebbieħ tal-Eurovision (rapprezentant ta' Malta – Kurt Calleja) Elaine u Nicholas Haber, Rebecca Bonello u Christine Camilleri. Bħala comperes ġew issuġġeriti Mirelle Bonnello u Pierre Cordina jew Maria D'Amato u Joe Muscat.

23 u 24 ta' Gunju 2012. *Wirja Agrarja.* Din l-attivita hija organizzata kompletamant mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena jkun hemm ftit stands li jbiegħu ikel tradizzjonali ta' Malta. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jitlob lil Delicata sabiex nuzaw l-istands tagħhom. Id-disinn tal-wirja għandha tkun bejn wiehed u ieħor kif kienet f'dawn l-aħħar sentejn (bil-karretuni). Kien hemm membri tas-sotto kumitat li qalu li qed ikun hemm it-tgergir mingħand il-bdiewa għaliex bil-karretuni ma jkunx hemm indikat minn għand minn ġej il-prodott. Għalhekk ġie deċiz li jkun hemm ukoll ftit stands (shelves) fejn jiġu esibiti il-prodotti bl-isem tal-bidwi li jkun ġab il-prodott. Il-crafts għandhom

ikunu f'area waħda. Fuq il-bjut ghandha isir mixghela bix-xemgha u l-fjakkoli. Bħala entertainment ser jiġu mistiedna Folk Group, Għannejja, il-Banda Mnarja u bħala special guest is-sopran Giorgina Gauci b' akkompanjament ta' Mro Antoine Thewma. Bħala comperes ġew issuġġeruti Daren Vella is-Sibt filgħaxija u Ivan Attard il-Ħadd filgħodu. Ivan Attard huwa membru ta dan is-sotto kumitat u aċċetta li jkun compere il-Ħadd filgħodu. Il-Ħadd filgħodu ser ikun hemm wirja ta' karrozzi fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Ser jiġu mistiedna l-Ministri l-Onor Chris Said u l-Onor Giovanna Debono għal din l-attivita.

*25 ta' Gunju 2012. Kunċert tal-Banda Mnarja*. Ser jittella l-kunċert tal-Banda Mnarja nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri. Dan issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

*Tigrija tal-Bhejjem.* Is-sotto kumitat jaqbel li din l-attivita għandha ssir izda għat-irrid jara meta tista' ssir peress li jkun hemm it-Tiġrija fix-Xewkjia f'dawn il-jiem.

*30 ta' Gunju 2012. Xalatta ta' wara l-Festa.* Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita tinghata lill xi waħda mill-għaqdiet tar-raħal wara li l-għaqdiet interessati jgħamlu l-proposti tagħhom ta' kif ha jorganizzaw din l-attivita. U dan peress li qed jispiċċa jkun hemm biss tombla. Kien hemm diskussjoni dwar dan li ma waslitx ghal decizzjoni. Kien hemm minn issuġġerixxa li dan l-attivita għandha tkun ġurnata l-baħar u kien hemm membri prezenti minn l-għaqdiet li qalu li ħafna mill-għaqdiet jkunu mpenjati biz-zarmar tal-armar tal-festa.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30 p.m.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**